MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 936/2000/1

**Charles Spiteri**

**vs**

**Kummisarju tal-Pulizija**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta’ Charles Spiteri fejn gie premess :

Illi huwa gie notifikat b’dikjarazzjoni guramentata tal-Kummisjaru tal-Pulizija u b’ittra ufficjali datata 26 ta’ mejju 1997 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A) fejn gie interpellat ihallas s-somma ta’ elf tliet mija u tletin liri maltin (Lm1330) rapprezentanti arretrati ta’ hlas ta’ licenzi

lill-Kummissarju tal-Pulizija ghas-snin 1993-1996 relattivi ghall-licenza ghall-operazzjoni ta' Bar fil-lukanda Sports Hotel (illum Olinda Hotel);

Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruhu mill-art.466(2) tal-Ligijiet ta' Malta u jipprezenta dan ir-rikors in kontestazzjoni tat-talba ta' l-intimat, u dan ghar-ragunijiet segwenti:-

Illi l-esponent personalment mhux il-persuna licenzjata mill-intimat u ghalhekk m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-istess fil-fatt kif jidher ben car mill-kopja tal-licenzja relattiva hawn annessa u mmarkata Dok B li l-licenzja tghajjat lil Caral Limited socjeta' li taghha l-esponent kien direttur sal-1985. Wara dik id-data s-socjeta' Caral Limited ghaddiet f'idjen Paul Tabone u sussegwentement f'idejn Joseph Muscat li kienu jiggestixxu n-negozju tal-lukanda Olinda gia Sports Hotel fi zminijiet differenti. Ghaldaqstant gialadarba l-esponent personalment qatt ma kien responsabbli ghall-hlas tal-licenzja annwali l-interpellanza ta' l-intimat ghandha titqies bhala malfondata u diretta kontra persuna zbaljata;
Illi inoltre fl-1997 l-esponent interpella lil Joseph Muscat permezz ta' ittra legali sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu mad-Dipartiment tal-Licenzji tal-Pulizija, billi kien hu li kien assuma t-tmexxija ta' Caral limited u baghat kopja ta' l-istess ittra lid-Dipartiment tal-Licenzji tal-Pulizija ghall-attenzjoni taghhom (kopja hawn annessa u mmarkata bhal Dok.C);.

Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tal-Licenzja hija preskritti skond l-artikoli 2149(e) u 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li dina l-Qorti joghogobha tiddikjara li l-pretenzjoni tad-Dipartiment tal-Licenzji tal-Pulizija hi nfondata fir-rigward tal-esponent u dan ai terimini tal-art.466(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija fejn gie sttomess :-.

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat ir-rikorrent huwa l-persuna li kienet u ghadha licenzjata biex tiggestixxi l-fond in-kwistjoni;

Illi jidher li r-rikorrent qatt ma talab li jigu trasferiti l-licenzji li ghadhom f'ismu u ghalhekk huwa f'ghanjejn il-ligi inutli li jwahhal f'haddiehor li messu jhallas id-drittijiet. La Charles Spiteri ghandu l-'licence' l-ittra legali msemmija minnu mhi ta' ebda effett;

Illi inoltre l-ebda terminu preskrittiv sollevat mir-rikorrenti m'hu applikabbli ghall-kaz odjern;

Ghalhekk l-intimat talab li din il-Qorti tichad it-talbiet kollha kontenuti bir-rikors promotur bl-ispejjez;

Semghet lir-rikorrenti u lix-xhieda minnu prodotti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-intimat;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota ta' referenzi tal-intimat;

Rat in-nota responsiva tar-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur tieghu r-rikorrenti Charles Spiteri jghamel referenza ghad-dikjarazzjoni guramentata tal-intimat Kummisjaru tal-Pulizija, li b'ittra ufficjali bid-data tas-26 ta' Mejju 1997 interpella lill-istess rikorrenti sabiex ihallas is-somma ta' elf tliet mija u tletin liri maltin (Lm1330) rapprezentanti arretrati ta' hlas ta' licenzi ghas-snin 1993 sa 1996 in konnessjoni mal-licenza ghall-operazzjoni ta' "bar" fil-lukanda Sports Hotel (illum Olinda Hotel). Ir-rikorrenti jghamel ukoll referenza ghal

provedimenti tal-artikolu 466(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jikkontesta l-imsemmija talba ghal hlas tal-istess intimat u dan peress li huwa personalment mhux il-persuna licenzjata mill-intimat u ghalhekk huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-istess intimat peress li l-licenzja tghajjat lis-socjeta Caral Limited. Ir-rikorrenti jkompli jippremetti li zmien ilu l-imsemmija socjeta ghaddiet f'idjen terzi li kienu jiggestixxu n-negozju mill-imsemmija lukanda. Ghalhekk peress li r-rikorrenti personalment qatt ma kien responsabbli ghall-hlas tal-licenzja l-interpellanza ta' l-intimat hi malfondata u diretta kontra persuna zbaljata. Ir-rikorrenti jkompli jippremetti li fil-1997 huwa interpella lil-istess terzi b'ittra legali sabiex jirregolarizza l-posizzjoni dwar il-licenzja in kwestjoni u kopja ta' din l-istess ittra ntbghatet lill-intimat. Ir-rikorrenti jissottometti ukoll li t-talba in kwestjoni tal-intimat hi preskritta skond l-artikoli 2149(e) u 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. In vista ta' dan kollu r-rikorrenti qed jitlob li jigi dikjarat li l-pretenzjoni tal-intimat hi nfondata fir-rigward tal-istess rikorrenti;

L-intimat Kummissarju tal-Pulizija eccepixxa li in effett ir-rikorrent huwa l-persuna li kienet u ghadha licenzjata biex tiggestixxi l-fond in-kwistjoni u li jidher li l-istess rikorrent qatt ma talab li jigu trasferiti fuq terzi l-istess licenzji. Inoltre l-intimat issottometta li l-ebda terminu preskrittiv kif sollevat mir-rikorrenti m'hu applikabbli ghall-kaz odjern;

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti qed isosnti li huwa personalment mhux il-persuna licenzjata u fit-tieni lok qed isostni li t-talba tal-intimat kif kontenuta fl-imsemmija ittra ufficjali hi preskritta ai termini tal-provedimenti tal-artikoli 2149(e) u 2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jirrizulta li ghal habta tal-1981 ir-rikorrenti kien direttur tas-socjeta Caral Limited, liema socjeta kienet tiggestixxi lukanda f'Paceville u cioe' l-Isport Hotel sussegwentement mgharufa ukoll bhala Hotel Olinda. Ftit snin wara l-istess lukanda giet akkwistata minn terzi li komplew igestuha permezz tal-istess socjeta li nbieghet ukoll lill-istess terzi. Fil-kors tal-imsemmija gestjoni tar-rikorrenti kienu gew ottjenuti minnghand l-awtoritajiet kompetenti permessi u

licenzji relattivi ghal gestjoni tal-bar u tar-ristorant fl-istess lukanda inkluz il-bejgh ta’ xorb alkoliku. Jirrizulta li dawn il-licenzji nhargu f’isem ir-rikorrenti “obo Caral Limited”. Jirrizulta ukoll li dawn il-licenzji baqghu f’isem ir-rikorrenti anke wara li l-imsemmija terzi akkwistaw l-imsemmija socjeta u l-l-imsemmija lukanda u cioe’ anke wara li l-gestjoni tal-lukanda ma kienitx ghada f’idejn ir-rikorrenti izda kienet ghaddiet f’idejn it-terzi;

Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti ma ghamel xejn bhala proceduri sabiex dawn il-licenzji iduru fuq it-terzi u inoltre dawn l-istess licenzji baqghu f’isem ir-rikorrenti almenu sakhemm saret l-ittra ufficjali da parti tal-intimat. Ir-rikorrenti qed isostni li billi l-licenzja harget f’ismu “obo Caral Limited” dan ifisser li t-titolari veru tal-istess licenzja hi l-istess socjeta u ghalhekk huwa mhux responsabbli ghall-hlasijiet li qed jitlob minghandu l-intimat;

Skond il-ligi licenzja bhala dik in kwestjoni tigi rilaxxjata biss fil-konfront ta’ persuna naturali u meta si tratta ta’ persuna legali l-istess licenzja tigi rilaxxata lir-rapprezentant guridiku taghha. F’dan ir-rigward il-Ligi trid li jigu sodisfatti certi kriterji u rekwiziti, li huma applikabbli biss ghal persuni naturali u cioe’ bhal ma huma l-eta’ u l-kondotta. Ir-regolamenti relattivi (Police Licences Regulations) in effett jirrikjedu li licenzji bhal dik in kwestjoni huma personali u jistghu jigu trasferiti biss minn persuna naturali ghal orha naturali. Fil-kaz in esami ghalhekk ir-rikorrenti ghandu jitqies li hu l-pesuna licenzjata u ghalhekk ir-responsablitajiet kollha naxxenti mill-istess licenzji jinkombu fuqu. Jirrizulta ghalhekk li r-rikorrenti hu responsabbli ghal-hlasijiet li qed jippretendi l-intimat;

Il-fatt, li fil-licenzja hemm indikat l-isem ta’ socjeta kummercjali, jindika li r-rikorrenti meta applika rrefera ghal-fatt li l-istess socjeta kummercjali setghet kienet involuta fil-gestjoni tan-negozju in kwestoni. Skond il-prassi u skond il-ligi pero’ jirrizulta li t-titolari tal-istess licenzja hu r-rikorrenti u l-istess rikorrenti missu ha hsieb li meta ma baqghax involut fin-negozju in kwestjoni, l-

licenzji u l-permessi kollha ma jibqghux jghajtu lilu izda jibdew jghajtu lit-terzi;

Il-fatt li r-rikorrenti ma baqax direttur tas-socjeta in kwestjoni u l-fatt li r-rikorrenti kiteb lid-diretturi l-godda dwar il-licenzja in kwestjoni ma jbiddel xejn u ma jeffettwax ir-responsabbilita' tar-rikorrenti bhala titolari tal-istess licenzja. Ir-rikorrenti missu ha hsieb li posittivament jghamel dawk il-proceduri kollha necessarji biex jassigura li l-licenzja ma tibqax f'ismu izda ddur fuq isem it-terzi;

Ghar-rigward tas-sottomissjoni tar-rikorrenti dwar il-preskrizzjoni, ghandu jinghad li z-zewg artikoli citati mir-rikorrenti mhux applikabbli ghal fatti meritu ta' din il-kawza. L-artikolu 2149(e) jitkellem dwar preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn u jirreferi ghall-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghall-hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra. Hawnhekk, pero', si tratta ta' hlasijiet dovuti in konnessjoni ta' licenzja ghal gestjoni ta' bar u ristorant u dawn ma jistghux jitqiesu li huma dazji jew taxxi. L-artikolu 2156(f) jirrefferi ghal preskrizzjoni kwinkwennali. F'dan il-kaz il-hlasijiet pretizi jirreferu ghas-snin 1993 sal-1996 u jirrizulta li l-intimat ippresenta ittra ufficjali fil-1997 u ghalhekk fi kwalunkwe kas il-preskrizzjoni tirrizulta li giet interrotta;

Fid-dawl ta' dak kollu li gie oremess l-eccezzjonijiet tal-intimat jimmeritaw li jigu akkolti filwaqt li t-talbiet tar-rikrrenti jisthoqqilhom li jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi kolha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tal-intimat u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur;

Spejjes kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------